# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-24 ta' Ġunju 2010**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizz tal-ajru**

(2010/364/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mar-Repubblika tal-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim") f'konformità mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biexi tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fil-5 ta' Mejju 2006 suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/716/KE ([1]).

(4) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel notifika lir-Repubblika tal-Albanija fir-rigward tal-fatt li l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

(5) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea l-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([2]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim u li jagħmel din in-notifika:

"Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, referenzi għall-'Komunità Ewropea' fit-test tal-Ftehim għandhom, fejn xieraq, jinqraw bħala 'l-Unjoni Ewropea'.".

Magħmul(a) fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BLANCO LÓPEZ

([1]) ĠU L 294, 25.10.2006, p. 51.

([2]) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ġie ppubblikat fil-ĠU L 294, 25.10.2006, p. 52 flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.